MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 134/2002/1

**Greenline Shipping Limited**

**Vs**

**J. Vassallo Limited**

It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm379.15 (tlett mija u disa u sebghin lira Maltin u hmistax il-centezmu) rapprezentanti danni kkawzati mis-socjeta' konvenuta fis-sistema ta' l-elettriku tal-bastiment M/Y "Rosa Cran".

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet preliminarjament l-azzjoni hija priva minn dettalji, fatti u

kawzali li huma b'xi mod addebitati lill-eccipjent u ghalhekk jippregudikaw in-natura tad-difiza tal-eccipjent.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess l-eccipjent ma kkawza l-ebda danni ghall-attur jew xi proprjeta' tieghu u lanqas ma gie inkarigat li jaghmel jew ghamel xi xogholijiet ghall-attur izda l-eccipent semplicement biegh u kkonsenja batteriji kif ordnati mill-attur.

Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub huwa ferm ezagerat.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti

Ikkonsidera

Illi s-socjeta' attrici, sabiex tirnexxi l-azzjoni, kien a karigu taghha li tipprova r-responsabbilta tas-socjeta' konvenuta ghad-danni minnha allegati u allegalment kagunati mis-socjeta' konvenuta.

L-istess ipproduciet lil Tony Zammit Cutajar liema xhieda tieghu pero' giet bl-aktar mod elokwenti kontradetta sia minn Chris Vassallo u sia Charles Mamo ossia il-persuna li sar il-ftehim maghha u l-persuna li minnha saret il-konsenja. Is-socjeta' attrici pproduciet lil Mario Debattista l-persuna ntiza fis-sistema tal-elettriku. Din il-persuna suppost kellha tindika ossia li tipproduci l-prova tan-nuqqas o meno tas-socjeta' konvenuta. Ix-xhieda tieghu fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2002 hija ferm lampanti.

Jirrizulta mill-verifiki maghmula li kien hemm 'short' fl-alternators – pero' meta ccekkja l-batteriji suppliti mis-socjeta' konvenuta, dawn kienu tajbin u bil-'polarity' kif suppost. Di fatti l-batteriji huwa lanqas biss ivverifikahom.

Rinfaccjat b'din ix-xhieda ta' xhud prodott mis-socjeta' attrici, t-Tribunal ma jistax jghaddi biex jiggudika favur it-talbiet attrici. L-oneru ta' l-attur huwa li jipprova l-kaz

tieghu fuq bilanc ta' probabiltajiet. Ix-xhud 'par excellence' tieghu ossia l-elettricista ma agevolax il-kaz tieghu. Dan l-oneru ma giex esegwit.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad it-talbiet attrici, jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------